KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fis-26 ta' Settembru 2013[1]

**Kawża C-366/12**

**Finanzamt Dortmund-West**
**vs**
**Klinikum Dortmund gGmbH**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja)]

"VAT — Provvista ta' ċitostatiċi għat-trattament ta' 'out-patients' — Eżenzjoni ta' kura b'soġġorn fi sptar u kura medika u attivitajiet relatati mill-viċin — Jekk 'attivitajiet relatati mill-viċin' għandhomx ikunu servizzi — Jekk dawn għandhomx ikunu pprovduti minn persuna li tipprovdi servizzi ta' kura b'soġġorn fi sptar jew kura medika — Jekk dawn għandhomx ikunu eżenti jekk ikunu relatati mill-viċin mal-provvista ta' kura medika li ma tingħatax minn sptar jew stabbiliment simili"

1. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea ("UE") jipprovdi eżenzjoni mill-VAT, għal, min-naħa l-waħda, "[kura b'soġġorn fi] sptar u kura medika u attivitajiet relatati mill-viċin mmexxija [ipprovduti] minn entitajiet regolati mid-dritt pubbliku" jew, taħt kundizzjonijiet soċjali komparabbli, "minn sptarijiet, ċentri għat-trattament mediku jew dijanjosi u stabbilimenti oħrajn ta' natura simili debitament rikonoxxuti" u, min-naħa l-oħra, "il-provvista ta' kura medika fl-eżerċizzju tal-professjonijiet mediċi u paramediċi".

2. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Bundesfinanzhof Ġermaniż (Qorti Federali tal-Finanzi) tixtieq tkun taf kif tapplika dawk l-eżenzjonijiet meta mediċini tal-kimoterapija jingħataw minn spiżerija tal-isptar u jintużaw matul trattament ta' "out-patients" ipprovdut fl-isptar iżda minn tobba f'kapaċità indipendenti.

## Id-dritt tal-UE rilevanti

3. Il-każ fil-kawża prinċipali jirrigwarda s-snin fiskali 2005 u 2006, meta s-Sitt Direttiva[2] kienet il-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli.

4. Skont l-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva, il-"provvista ta' oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju tal-pajjiż minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali" kienet suġġetta għall-VAT. Skont l-Artikoli 5(1) u 6(1) rispettivament, provvista ta' oġġetti kienet tfisser "it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà korporali" u provvista ta' servizzi kienet tfisser "kull operazzjoni li ma tikkostitwix provvista ta' oġġetti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5"[3].

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 9, Vol. 01, p. 23). Din tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), li fasslet mill-ġdid l-istruttura u l-formulazzjoni tas-Sitt Direttiva mingħajr ma ġabet bidliet materjali fil-prinċipju (ara l-premessa 3 fil-preambolu).

3 — Ara l-Artikoli 2(1)(a), 14(1) u 24(1) tad-Direttiva 2006/112.

5. L-Artikolu 12(3)(a) tas-Sitt Direttiva kien jobbliga l-Istati Membri jiffissaw rata standard tal-VAT ta' mhux inqas minn 15 %. Huma setgħu japplikaw ukoll rata mnaqqsa waħda jew żewġ rati mnaqqsa ta' mhux inqas minn 5 % għall-provvisti tal-kategoriji ta' oġġetti u servizzi speċifikati fl-Anness H [4].

6. Skont l-Artikolu 13A(1)(b) u (ċ) tas-Sitt Direttiva, l-Istati Membri kellhom jeżentaw ("taħt il-kundizzjonijiet li huma għandhom ifasslu għall-iskop biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta u ċara tat-tali eżenzjonijiet u jipprevenu kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż")

"(b) [kura b'soġġorn fi] sptar u kura medika u attivitajiet relatati mill-viċin mmexxija minn entitajiet regolati mid-dritt pubbliku jew, taħt kondizzjonijet soċjali komparabbli għal dawk applikati lill-entitajiet regolati mid-dritt pubbliku, mill-isptarijiet, ċentri għat-trattament mediku jew dijanjosi u stabbilimenti oħrajn ta, natura simili rikonoxxuti regolarment;

(ċ) id-disposizzjonijiet [il-provvista] tal-kura medika fl-eżerċizzju tal-professjonijet mediċi u paramediċi kif definiti mill-Istat Membru konċernat" [5].

7. Madankollu, l-Artikolu 13A(2)(b) tal-istess direttiva kien jipprovdi:

"Il-provvista ta' servizzi jew oġġetti m'għandhomx jagħtu eżenzjoni kif pprovduti f'(1) (b) [...] fuq jekk:

— m'huwiex essenzjali għat-transazzjonijiet eżenti,

— l-iskop bażiku tiegħu hi li tikseb id-dħul addizzjonali għall-organizzazzjoni billi twettaq transazzjonijiet li huma b'kompetizzjoni diretta ma' dawk l-impriżi responsabbli għat-taxxa fuq il-valur miżjud." [6]

8. L-Anness H kien jelenka oġġetti u servizzi li jistgħu jkunu suġġetti għal rati mnaqqsa tal-VAT. Il-kategorija 3 fil-lista kienet tinkludi: "prodotti farmaċewtiċi ta' tip normalment użati għall-kura tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u għat-trattament ta' [għal] skopijiet mediċi [...]" [7].

## Id-dritt Ġermaniż rilevanti

9. Skont l-ewwel frażi tal-punt 1 tal-Artikolu 1(1) tal-Umsatzsteuergesetz (Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ) tal-2005 (iktar 'il quddiem l-"UStG"), taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (jiġifieri, VAT) hija dovuta fuq "il-provvisti ta' oġġetti u servizzi li kummerċjant, matul in-negozju tiegħu, jagħmel b'titolu oneruż ġewwa l-Ġermanja". L-Artikolu 3(1) jiddefinixxi l-provvisti ta' oġġetti minn kummerċjant bħala "provvisti li permezz tagħhom huwa jew terza persuna awtorizzata minnu jintitolaw lir-reċipjent jew terza persuna awtorizzata minnu jbiegħ oġġetti għan-nom tiegħu (trasferiment tal-poter li jbiegħ)" u l-Artikolu 3(9) jiddefinixxi servizzi bħala "tranżazzjonijiet li ma jikkostitwixxux provvista ta' oġġetti".

10. L-Artikolu 4 tal-UstG jelenka l-eżenzjonijiet mill-VAT. Matul is-snin inkwistjoni, is-subparagrafu 14 kien jeżenta "tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-prattika tal-professjoni ta' tabib, dentist, prattikant mediku, fiżjoterapista jew qabla jew minn attività professjonali medika simili [...]", filwaqt li s-subparagrafu 16 kien jeżenta, taħt ċerti kundizzjonijiet, "tranżazzjonijiet relatati mill-viċin mal-operat ta' sptarijiet".

4 — Ara l-Artikoli 96 sa 99 tad-Direttiva 2006/112.

5 — Ara l-Artikolu 132(1)(b) u (ċ) tad-Direttiva 2006/112. Il-verżjoni Ingliża tuża l-frażi "medical care" fiż-żewġ dispożizzjonijiet, waqt li lingwi oħra jużaw frażijiet differenti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li t-tifsira hija l-istess fit-tnejn li huma: ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2013, Dornier (C-45/01 Ġabra p. I-12911, punti 46 sa 50).

6 — Ara l-Artikolu 134 tad-Direttiva 2006/112.

7 — Ara l-punt 3 tal-Anness III tad-Direttiva 2006/112.

11. Matul is-snin inkwistjoni, l-Artikolu 116 tal-Ħames Ktieb tas-Sozialgesetzbuch (Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali), (iktar 'il quddiem "is-SGB V") kien jipprovdi li tobba tal-isptar (li ma humiex parti minn skema ta' assigurazzjoni għas-saħħa) li jkunu temmew taħriġ ulterjuri setgħu, bil-kunsens tal-operatur tal-isptar, ikunu awtorizzati jipprovdu kura medika taħt dik l-iskema; u skont l-Artikolu 116a, sptarijiet akkreditati li jispeċjalizzaw fil-qasam rilevanti setgħu jkunu awtorizzati li jużaw tali tobba għall-provvista ta' kura medika taħt tali skema f'oqsma fejn ikun ġie identifikat nuqqas fil-provvista tal-kura tas-saħħa, sa fejn u sakemm dan kien neċessarju sabiex dan in-nuqqas ikun kopert".

## Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula

12. Klinikum Dortmund gGmbH (iktar 'il quddiem "Klinikum Dortmund") hija kumpannija b'responsabbiltà limitata, mingħajr skop ta' lukru, li tamministra sptar. Matul is-snin inkwistjoni, hija kellha awtorizzazzjoni istituzzjonali skont l-Artikolu 116a tas-SGB V, li kienet tawtorizza lill-isptar sabiex jipprovdi kura kemm "in-patient" kif ukoll "out-patient" lill-pazjenti. Il-kura "out-patient" ukoll kienet ipprovduta mit-tobba tal-isptar impjegati minn Klinikum Dortmund li, f'dak il-kuntest, ħadmu bl-awtorizazzjoni individwali skont l-Artikolu 116 tas-SGB V.

13. Klinikum Dortmund kienet tipprovdi trattament ta' kimoterapija għal pazjenti tal-kanċer. Il-mediċini użati (ċitostatiċi) kienu jiġu mmanifatturati fl-ispiżerija tal-isptar, abbażi ta' preskrizzjoni tat-tabib magħmula lil kull pazjent individwali. Fejn iċ-ċitostatiċi ntużaw għal servizzi u kura medika u kura b'soġġorn fi sptar, ma huwiex ikkontestat li l-provvista tagħhom kienet eżentata mill-VAT.

14. Ċitostatiċi mmanifatturati minn Klinikum Dortmund intużaw ukoll għal kura medika "out-patient" ipprovduta fl-isptar minn tobba f'kapaċità indipendenti, u kienu wkoll preżunti eżentati mill-VAT. Madankollu, l-awtorità tat-taxxa ħadet il-pożizzjoni, abbażi ta' direttivi amministrattivi ġodda (li ma humiex vinkolanti fil-qrati), li l-għoti ta' mediċini bi ħlas matul kura "out-patient" għal pazjenti b'tumur kien taxxabbli sa mill-2005. Hija emendat l-istima tal-VAT ta' Klinikum Dortmund, billi ntaxxat il-VAT fuq l-outputs iżda ppermettiet tnaqqis tat-taxxa tal-input rilevanti. (Ma jidhirx li huwa kkontestat li, f'każ li l-istess mediċini kienu użati mill-istess tobba f'kapaċità indipendenti wkoll iżda f'binjiet privati u mhux fil-kuntest ta' awtorizzazzjoni individwali skont l-Artikolu 116 tas-SGB V, il-provvista tal-mediċini ma kinitx tkun eżenti mill-VAT).

15. Billi l-kontestazzjoni ta' Klinikum Dortmund fuq l-evalwazzjoni l-ġdida kienet milqugħa mill-Qorti tal-Ewwel Istanza, u l-awtorità tat-taxxa appellat fuq punt ta' liġi quddiem il-qorti tar-rinviju, li talbet deċiżjoni preliminari fuq id-domandi segwenti:

"1. L-operazzjoni marbuta mill-qrib [relatata mill-viċin] għandha tkun provvista ta' servizzi b'mod konformi mal-Artikolu 6(1) tas-[Sitt Direttiva]?

2. Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda: operazzjoni marbuta mill-qrib [relatata mill-viċin] ma' servizzi ta' [kura b'soġġorn fi] sptar jew ma' kura medika teżisti biss meta din l-operazzjoni ssir mill-istess persuna taxxabbli li tipprovdi s-servizzi ta' [kura b'soġġorn fi] sptar jew il-kura medika?

3. Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: operazzjoni marbuta mill-qrib [relatata mill-viċin] teżisti wkoll meta l-kura medika ma tkunx eżenti taħt l-Artikolu 13A(1)(b) tas-[Sitt Direttiva] iżda taħt il-punt (ċ) tal-istess dispożizzjoni?"

16. Klinikum Dortmund, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni Ewropea lkoll ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2013, l-istess partijiet ippreżentaw osservazzjonijiet orali u rrispondew numru ta' domandi bil-miktub magħmula lilhom mill-Qorti tal-Ġustizzja.

## Evalwazzjoni

*Domanda 1*

17. Il-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet jikkunsidraw li l-espressjoni "attivitajiet relatati mill-viċin" fl-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva tinkludi provvisti ta' oġġetti kif ukoll provvisti ta' servizzi. Jiena naqbel ma' din l-opinjoni.

18. Jiena nirrikonoxxi li jista' jkun hemm xi dubju lingwistiku. Bosta verżjonijiet lingwistiċi[8] jużaw kelma li tikkorrispondi ma' "attivitajiet", kelma li tista' tinftiehem li hija faċilment relatata iktar mal-provvista ta' servizzi milli ta' oġġetti, filwaqt li l-maġġoranza tal-verżjonijiet lingwistiċi[9] jużaw kelma li tikkorrispondi ma' "tranżazzjonijiet", li tista' iktar tinftiehem faċilment li tkopri ż-żewġ tipi ta' provvisti. Madankollu, jekk "attivitajiet" għandhom ikunu eżenti mill-VAT, isegwi li l-kelma tirreferi għal xi ħaġa li altrimenti setgħet kienet suġġetta għaliha. U fil-kuntest tal-formulazzjoni tal-leġiżlazzjoni, tranżazzjonijiet (li jistgħu jkunu provvisti ta' oġġetti jew servizzi iżda li għandhom ikunu jew waħda jew l-oħra) biss jistgħu jkunu suġġetti għall-VAT.

19. L-abbozz oriġinali tas-Sitt Direttiva tal-Kummissjoni kien jirreferi, fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha, għall-"provvista ta' servizzi ta' kura b'soġġorn fi sptar u ta' kura medika, u provvisti ta' oġġetti inċidentali għalihom"[10] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ma hemm ebda indikazzjoni li t-tibdil tal-formulazzjoni fil-verżjoni finali adottata mill-Kunsill kien intiż li jeskludi provvisti ta' oġġetti. Kieku dik kienet l-intenzjoni, żgur li kienet tkun iktar espliċita. Jidher li huwa iktar il-każ li, għall-kuntrarju, l-intenzjoni kienet li jiġu inklużi provvisti ta' servizzi kif ukoll ta' oġġetti.

20. Huwa minnu li tal-inqas il-verżjoni Spanjola tal-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva tinkludi formulazzjoni li hija b'mod ċar iktar restrittiva: "prestaciones de servicios de hospitalización y asistencia sanitaria y las demás relacionadas directamente con las mismas". Interpretazzjoni stretta ta' dik il-verżjoni[11] tista' tissuġġerixxi li tirrigwarda biss provvisti ta' servizzi.

21. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kliem użat f'verżjoni lingwistika waħda ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-UE ma jistax iservi bħala l-unika bażi ta' interpretazzjoni, jew tipprevali fuq il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Fil-każ ta' diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata b'riferiment għall-għan u l-istruttura ġenerali tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha[12]. F'dan il-każ, l-Artikolu 13A(1) tas-Sitt Direttiva jistabbilixxi eżenzjonijiet "għal ċertu attivitajiet fl-interess pubbliku". Jekk inhu fl-interess pubbliku li jiġu eżentati provvisti ta' servizzi marbuta mill-qrib [relatati mill-viċin] mas-servizzi ta' kura b'soġġorn fi sptar jew ta' kura medika, allura huwa wkoll fl-interess pubbliku li jiġu eżentati provvisti ta' oġġetti li għandhom rabta daqstantieħor mill-viċin. Jidhirli, għalhekk, li l-verżjoni Spanjola ta' dik id-dispożizzjoni ma tistax tipprevali fuq l-oħrajn.

8 — Apparti mill-Ingliż, ara pereżempju, il-verżjoni Ungeriża, Maltija u Svediża.

9 — Inkluż il-ħames verżjonijiet lingwistiċi kollha, bl-eċċezzjoni tal-Ingliż, li fihom is-Sitt Direttiva kienet adottata oriġinarjament: Daniż, Olandiż, Franċiż, Ġermaniż u Taljan.

10 — ĠU 1973 C 80, p. 1, l-Artikolu 14(1)(b).

11 — Litteralment, "provvisti ta' servizzi ta' kura b'soġġorn fi sptar u kura tas-saħħa u oħrajn [jiġifieri provvisti ta' servizzi oħrajn] direttament relatati magħhom".

12 — Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, (C-41/09, Ġabra p. I-831, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' April 1998, EMU Tabac *et* (C-296/95, Ġabra p. I-1605, punt 36).

22. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju jirriżultaw b'mod partikolari minn żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja — *Ygeia*[13] u *CopyGene*[14] — li fihom sar riferiment għal "attivitajiet relatati mill-viċin" fl-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva b'tali mod li jissuġġerixxi li dawn għandhom ikunu provvisti ta' servizzi.

23. Madankollu, kif ġie nnotat fl-osservazzjonijiet magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, dawk is-sentenzi kienu jirrigwardaw sitwazzjonijiet fattwali li kienu jinvolvu biss provvisti ta' servizzi, u dan huwa dak li jispjega l-lingwa użata. Barra minn hekk, f'Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit[15], il-Qorti tal-Ġustizzja pproċediet fuq il-bażi ċara li provvisti ta' oġġetti kienu jikkwalifikaw għal eżenzjoni taħt l-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva, minkejja li l-eżenzjoni tagħhom ma setgħetx tkun iġġustifikata taħt l-Artikolu 13A(1)(ċ).

24. Għalhekk jiena tal-opinjoni li l-espressjoni "attivitajiet relatati mill-viċin" fl-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva tinkludi provvisti ta' oġġetti kif ukoll provvisti ta' servizzi.

*Domanda 2*

25. Klinikum Dortmund u l-Kummissjoni jikkunsidraw li, sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni għal "attivitajiet relatati mill-viċin" taħt l-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva, ma huwiex essenzjali li provvista ssir mill-persuna li tipprovdi "is-servizz ta' [kura b'soġġorn fi] sptar jew kura medika".

26. Il-Gvern Ġermaniż jieħu l-pożizzjoni kuntrarja. B'riferiment għall-formulazzjoni tad-dispożizzjoni (kura b'soġġorn fi sptar u kura medika u attivitajiet relatati mill-viċin "immexxija [ipprovduti] minn" ċerti fornituri partikolari), u għall-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li eżenzjonijiet mill-VAT għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta, huwa jargumenta li kemm il-kura u anki l-attivitajiet relatati għandhom ikunu pprovduti mill-istess persuna.

27. Jiena ma naqbilx ma' din il-pożizzjoni tal-aħħar. Il-kliem inkwistjoni jirrikjedi biss li ż-żewġ provvisti jiġu pprovduti minn fornituri li jaqgħu f'ċerta definizzjoni[16]. Dan ma jipprovdix li l-fornitur għandu jkun l-istess fiż-żewġ każijiet. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma tiddikjara biss li l-kliem użat għall-ispeċifikazzjoni tal-eżenzjonijiet għandu jkun interpretat b'mod strett. Hija żżid li l-interpretazzjoni għandha tkun konformi mal-għanijiet segwiti mill-eżenzjonijiet u għandha tosserva r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT; interpretazzjoni stretta ma tfissirx li l-frażijiet użati għandhom ikunu interpretati b'mod li l-eżenzjonijiet jiċċaħħdu mill-effetti maħsuba tagħhom[17]. U kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-Kummissjoni vs Franza[18], l-eżenzjoni ta' attivitajiet relatati mill-viċin ma' kura b'soġġorn fi sptar u kura medika hija intiża sabiex tiżgura li l-benefiċċji li joħorġu minn tali kura ma jkunux imxekkla minn spiża ikbar sabiex tkun ipprovduta, li tirriżulta jekk hija, jew attivitajiet relatati mill-viċin magħha, kellhom ikunu suġġetti għall-VAT. Ir-rifjut tal-eżenzjoni sempliċement abbażi tal-fatt li l-kura u l-attivitajiet relatati ma kinux ipprovduti mill-istess persuna jmur kontra dak l-għan. Fl-aħħar nett, f'dik l-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat it-trażmissjoni ta' kampjun tad-demm minn laboratorju wieħed għall-ieħor bħala "relatata mill-viċin" mal-analiżi magħmula minn dan tal-aħħar u bħala li teħtieġ l-istess trattament tal-VAT taħt l-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva. Huwa għalhekk ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tirrikjedix li l-kura u l-attivitajiet relatati magħha jkunu pprovduti mill-istess persuna sabiex dawn tal-aħħar jibbenefikaw mill-eżenzjoni.

13 — Sentenza tal-1 ta' Diċembru 2005 (Kawżi magħquda C-394/04 u C-395/04, Ġabra p. I-10373, punt 25).

14 — Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010 (C-262/08, Ġabra p. I-5053, punt 40).

15 — Sentenza tat-23 ta' Frar 1988 (C-353/85, Ġabra p. I-817, punti 33 sa 35).

16 — Ara wkoll l-analiżi fit-tabella fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża *CopyGene*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14.

17 — Ara, għal eżempju reċenti, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Zimmermann (C-174/11, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Sentenza tal-11 ta' Jannar 2001 (C-76/99, Ġabra p. I-249, punt 23).

28. Il-Gvern Ġermaniż jissottometti wkoll li attivitajiet immexxija minn "entitajiet regolati mid-dritt pubbliku jew, taħt kondizzjonijet soċjali komparabbli għal dawk applikati lill-entitajiet regolati mid-dritt pubbliku, mill-isptarijiet, ċentri għat-trattament mediku jew dijanjosi u stabbilimenti oħrajn ta, natura simili rikonoxxuti regolarment" biss jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni, u li t-tobba inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jaqgħux f'din id-definizzjoni.

29. Kif ġustament tinnota l-Kummissjoni, dan il-punt jaqa' proprju taħt id-domanda segwenti.

*Domanda 3*

30. Essenzjalment il-qorti nazzjonali trid tkun taf jekk "attivitajiet relatati mill-viċin" jistgħux jibbenefikaw mill-eżenzjoni taħt l-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva jekk il-kura li magħha huma relatati mill-viċin hija eżenti mhux taħt l-istess dispożizzjoni iżda taħt l-Artikolu 13A(1)(ċ). Klinikum Dortmund tikkunsidra li jistgħu, u l-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni jikkunsidraw li ma jistgħux.

31. L-attività inkwistjoni hija l-għoti ta' mediċini minn Klinikum Dortmund, u l-kura li magħha dan l-għoti huwa relatat hija pprovduta minn tobba waqt prattika indipendenti. Jidher li huwa aċċettat fil-proċeduri nazzjonali, u fl-osservazzjonijiet kollha lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kura attwali pprovduta minn dawn it-tobba tikkwalifika għal eżenzjoni mill-VAT skont l-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva, mhux l-Artikolu 13A(1)(b), u jiena naqbel.

32. Kif tinnota l-Kummissjoni, dawk id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu eżenzjonijiet separati għall-provvista ta' kura medika. Dawn huma distinti mhux skont in-natura tas-servizz iżda skont iċ-ċirkustanzi li fihom jingħata.

33. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod kostanti f'dak ir-rigward li l-kriterju li jrid jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ każijiet ta' eżenzjoni huwa inqas marbut man-natura tal-provvista milli mal-post fejn din tiġi pprovduta [19]. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi dan ma jistax ikun interpretat bħala li jfisser li l-provvista ta' kura medika għandha taqa' fl-Artikolu 13A(1)(b) kull meta hija pprovduta *fil-post ta'* entità jew stabbiliment iddefinit f'dik id-dispożizzjoni, jekk ma jkunx ipprovdut ukoll *minn* dik l-entità jew stabbiliment. F'dak il-kuntest, il-kliem "immexxija [ipprovduti] minn" huma ċari u inekwivoċi.

34. Huwa minnu wkoll li, fiċ-ċirkustanzi simili tal-Artikolu 13A(1)(g) [20], il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-kelmiet "stabbiliment" u "organizzazzjoni" ma jeskludux persuni fiżiċi [21]. Madankollu, l-Artikolu 13A(1)(b) jirreferi għal entitajiet, sptarijiet, ċentri u stabbilimenti, filwaqt li l-Artikolu 13A(1)(ċ) jirreferi għall-eżerċizzju ta' professjonijiet, li fil-prinċipju kapaċi jagħmluhom il-persuni fiżiċi biss. Dan għall-kuntrarju tal-Artikolu 13A(1)(g), li ma huwiex segwit minn artikolu ekwivalenti għall-Artikolu 13A(1)(ċ). Din id-differenza donna turi li l-Artikolu 13A(1)(b) ma għandux ikun interpretat b'mod wiesa' daqs l-Artikolu 13A(1)(g). Anki jekk jiġi preżunt li l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu prattikanti individwali tal-kura medika bħala "stabbilimenti [...] rikonoxxuti regolarment" li jipprovdu servizzi "taħt kondizzjonijet soċjali komparabbli għal dawk applikati lill-entitajiet regolati mid-dritt pubbliku", fid-digriet tar-rinviju u fl-osservazzjonijiet kollha ma huwiex suġġerit li dan ir-rikonoxximent ġie mogħti lit-tobba inkwistjoni. Fil-fatt, minn dak li ntqal fis-seduta jidher li l-awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artikolu 116 tas-SGB V kienet tirrigwarda biss il-possibbiltà li jkunu koperti minn skema ta' assigurazzjoni għas-saħħa u ma kellha ebda effett ieħor fuq l-istatus tat-tobba.

19 — Ara, pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2006, L.u.P. (C-106.05, Ġabra p. I-5123, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata); u s-sentenza *CopyGene*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata.

20 — Li jeżenta "il-provvediment [provvista] tas-servizzi u ta' l-oġġetti marbuta mal-komfort [benessere] u x-xogħol tas-sigurtà soċjali, inklużi dawk fornuti mid-djar ta' l-anzjani, mill-entitajiet irregolati mid-dritt pubbliku jew minn organizazzjonijiet oħrajn rikonoxxuti bħala tal-karità mill-Istat Membru konċernat".

21 — Ara s-sentenza *Zimmermann*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata.

35. Ser nipproċedi għalhekk, fuq il-bażi li l-kura pprovduta mit-tobba, li f'dan il-każ kienu qed jaġixxu b'mod indipendenti mill-isptar għalkemm jipprovdu l-kura fl-isptar, hija eżenti skont l-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva.

36. Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva huwa ċar li, meta servizz ta' kura b'soġġorn fi sptar u kura medika tkun eżenti skont dik id-dispożizzjoni, attivitajiet relatati mill-viċin għal dik il-kura jibbenefikaw mill-istess eżenzjoni. Għall-kuntrarju, jista' jkun dedott li, meta kura medika tkun eżenti skont l-Artikolu 13A(1)(ċ), li ma jsemmi xejn dwar attivitajiet relatati mill-viċin, l-eżenzjoni ma testendix lil hinn mill-provvista tal-kura nnifisha.

37. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat f'Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit[22] li, "apparti mill-provvista minima ta' oġġetti li huma strettament neċessarji fil-mument li tiġi pprovduta l-kura, il-provvista ta' mediċini u oġġetti oħra, bħal nuċċalijiet bil-lenti preskritti minn tabib jew minn persuni awtorizzati oħrajn, huma fiżikament u ekonomikament disassoċjati mill-provvista tas-servizz" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

38. Dak il-każ kien jirrigwarda b'mod partikolari l-provvista ta' nuċċalijiet bil-preskrizzjoni, u l-Qorti tal-Ġustizzja qieset il-provvista ta' mediċini preskritti fl-istess dawl. Fiċ-ċirkustanzi kkunsidrati, l-atti ta' dijanjosi (flimkien ma' provvisti ta' oġġetti minimi u strettament neċessarji — bħal forsi, l-amministrazzjoni ta' taqtir fl-għajnejn sabiex jitkabbru l-pupilli) u ta' preskrizzjoni jifformaw provvista waħda li taqa' taħt l-eżenzjoni tal-Artikolu 13A(1)(ċ) tas-Sitt Direttiva. Huwa preżunt li l-istess japplika għall-provvista ta' kwalunkwe oġġetti — bħal pereżempju, ingwenti u faxex — essenzjali għal kull trattament magħmul minn prattikant waqt konsulta. Għall-kuntrarju, il-provvista minn xi ottiku jew spiżjar ta' kwalunkwe ħaġa preskritta minn prattikant hija provvista separata li ma taqax taħt dik l-eżenzjoni.

39. Li kieku kellu jkun hemm eżenzjoni għall-mediċini mogħtija fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, madankollu, jidhirli li din ikollha testendi għall-mediċini kollha mogħtija fuq preskrizzjoni, peress li l-preskrizzjoni tal-mediċini mit-tobba, li jridu jingħataw mill-ispiżjara, għandha fil-prinċipju dejjem titqies bħala relatata mill-viċin għall-kura medika li t-tobba jipprovdu. Madankollu, dan ma jkunx konsistenti mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit. Barra minn hekk huwa ċar li prodotti farmaċewtiċi "użati għal [...] trattament ta' [għal] finijiet [skopijiet] mediċi" (deskrizzjoni li tidher iktar xierqa għal mediċini preskritti minn tabib milli għal rimedji mogħtija mingħajr preskrizzjoni), huma fil-prinċipju suġġetti għal VAT, għax kieku jkunu elenkati fl-Anness H tas-Sitt Direttiva.

40. Għalhekk, fil-prinċipju, jidhirli li r-risposta għad-domanda 3 għandha tkun fis-sens li, essenzjalment, provvista ta' mediċini skont preskrizzjoni magħmula matul il-provvista ta' kura medika ma tistax tibbenefika mill-eżenzjoni tal-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva jekk il-kura li magħha hija relatata mill-viċin hija fiha nnifisha eżentata mhux taħt l-istess dispożizzjoni iżda taħt l-Artikolu 13A(1)(ċ).

41. Madankollu, ma huwiex neċessarju, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ fil-kawża prinċipali, li l-provvista tal-mediċini ma tistax tkun eżentata taħt l-Artikolu 13A(1)(ċ) stess. Il-provvista tista' forsi titqies mhux bħala "attività relatata mill-viċin" iżda bħala provvista "li hija strettament neċessarja fil-mument li tiġi pprovduta l-kura" u mhux "fiżikament u ekonomikament disassoċjata mill-provvista tas-servizz", sabiex nuża l-formulazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit[23].

22 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 33.

23 — Ara l-punt 37 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 22 iktar 'il fuq.

42. Varjant ta' dik il-possibbiltà jista' jkun li l-provvista u l-amministrazzjoni tal-mediċini għandhom jitqiesu bħala, mill-ġdid fil-formulazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, "tant marbuta mill-qrib [relatati mill-viċin] li oġġettivament jifformaw provvista ekonomika waħda indiviżibbli u li jkun artifiċjali li din tinqasam"[24]. Alternattivament, huma għandhom jitqiesu bħala anċillari għas-servizz prinċipali b'tali mod li "mhux [...] jikkostitwixx[u] għan fih[om] [infushom][u] il-mezz li bih wieħed jibbenefika aħjar mis-servizz prinċipali tal-fornitur"; dan jista' japplika għal "servizzi li jaqgħu loġikament fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi ta' [kura medika] u li jikkostitwixx[u] pass indispensabbli fil-proċess tal-provvista ta' dawn is-servizzi sabiex innifsu, iżda meta jkunjintlaħqu l-għanijiet terapewtiċi tagħhom"[25].

43. Possibbiltà differenti tista' tkun il-bżonn li l-provvista tingħata l-istess trattament tal-VAT irrispettivament minn jekk il-mediċini ngħatawx matul trattament "in-patient" jew "out-patient", sabiex ikun osservat il-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti għas-sistema tal-VAT, li, skont ġurisprudenza stabbilita, jipprekludi li provvisti simili, li jinsabu f'kompetizzjoni, jingħataw trattament differenti għall-finijiet tal-VAT[26].

44. Kwalunke evalwazzjoni ta' dawn il-possibiltajiet għandha tkun ibbażata pjuttost fuq iktar informazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi tat-trattament minn dik inkluża fid-digriet tar-rinviju. Kull konstatazzjoni fattwali neċessarja f'dak ir-rigward għandha ovvjament issir mill-qorti nazzjonali kompetenti, iżda fis-seduta l-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-partijiet jikkunsidraw ir-rilevanza ta' numru ta' kwistjonijiet, inkluż in-natura preċiża tal-kura medika pprovduta u l-identità tal-fornitur, il-kwistjoni dwar jekk dik il-kura setgħetx tkun ipprovduta mingħajr il-provvista tal-mediċini inkwistjoni u l-identità tal-persuna li ngħatat id-dritt li tiddisponi mill-mediċini bħala proprjetarju (fi kliem ieħor, min irċieva l-provvista).

45. Mir-risposti tal-partijiet jiena fhimt li hemm qbil li t-trattament inkwistjoni jinkludi serje ta' attivitajiet marbuta flimkien. Tabib jagħmel dijanjosi tal-kundizzjoni preċiża tal-pazjent u jidentifika formulazzjoni għaċ-ċitostatiċi magħmula apposta għat-trattament ta' dik il-kundizzjoni individwali; tinbena skeda terapewtika mal-pazjent; iċ-ċitostatiċi jiġu preskritti mit-tabib u magħmula mill-ispiżjar; il-mediċina tiġi vverifikata u mediċini kumplimentari jistgħu jiżdiedu sabiex inaqqsu l-effetti sekondarja (is-side effects); imbagħad tiġi amministrata mill-istaff mediku taħt is-superviżjoni tat-tabib jew bit-tabib jinżamm informat bi kwalunkwe problema li tista' tirrikjedi l-intervent tiegħu; f'kull stadju jista' jkun neċessarju li huwa jaġġusta d-doża jew il-kompożizzjoni tal-mediċini amministrati, jew jibdel l-iskeda terapewtika.

46. Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni huwa ċar li hemm kontinwità terapewtika, li tinkludi kemm "il-provvista ta' kura medika fl-eżerċizzju tal-professjonijiet mediċi u paramediċi" u l-provvista ta' mediċini. Huwa ċar ukoll li mingħajr il-provvista ta' mediċini, il-kura medika fiha nnifisha ma għandha ebda għan; dik il-provvista hija għalhekk, "strettament neċessarja fil-mument li tiġi pprovduta l-kura".

47. Madankollu, jiena nsib diffikultà sabiex nikkunsidra, fl-istess waqt, li jew il-provvista tal-mediċini ma hijiex "fiżikament u ekonomikament disassoċjata mill-provvista tal-[kura medika]" jew li hija "tant marbuta mill-qrib [relatati mill-viċin] [mal-kura medika] li oġġettivament jifformaw provvista ekonomika waħda indiviżibbli u li jkun artifiċjali li din tinqasam".

48. F'dak ir-rigward, huwa neċessarju li jiġi kkunsidrat minn min, u lil min, hija magħmula l-provvista ta' mediċini. Din il-kwistjoni kienet indirizzata fis-seduta u, għalkemm kien irrikonoxxut li kważi f'kull każ il-ħlas sar minn entità ta' assigurazzjoni għas-saħħa privata jew pubblika, kien jidher li hemm qbil li d-"dritt li tiddisponi mill-[mediċini] bħala proprjetarju" huwa miksub mill-pazjent. La t-tabib u lanqas

24 — Għal eżempju reċenti ħafna, ara s-sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Žamberk (C-18/12, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 — Ara, pereżempju, CopyGene, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata.

26 — Ara, pereżempju, L.u.P., iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punti 24 u 32.

l-assigurazzjoni għas-saħħa ma tista' tordna lill-pazjent jekk jaċċettax jew le l-amministrazzjoni tal-mediċini. Dan ifisser li huwa impossibbli li jkun ikkunsidrat li t-tabib jgħaddi l-provvista tal-mediċini lill-pazjent, bħala parti integrali mill-kura medika pprovduta. Jidher għalhekk neċessarju li nipproċedi fuq il-bażi li l-pazjent jirċievi iktar minn provvista waħda: kura medika mit-tabib u staff mediku; mediċini mill-ispiżerija tal-isptar.

49. Fejn provvisti separati jsiru minn persuni separati, jidher li huwa inevitabbli li dawk il-provvisti ma jistgħux "oġġettivament jifformaw provvista ekonomika waħda indiviżibbli u li jkun artifiċjali li din tinqasam". Huma jistgħu jkunu (fil-fatt jidhru li *huma*) "relatati mill-viċin" u tali relazzjoni mill-viċin tikkwalifika provvista ta' mediċini bħala eżenti meta l-provvista ta' kura medika relatata tkun eżenti taħt l-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva, iżda mhux meta din tkun eżenti taħt l-Artikolu 13A(1)(ċ). F'dak ir-rigward, is-separazzjoni bejn il-persuna li tipprovdi l-mediċini u l-persuna li tipprovdi l-kura medika għandha fl-opinjoni tiegħi tipprekludi lil dawn it-tnejn milli jkunu meqjusa bħala provvista waħda, irrispettivament mill-fatt li l-ebda provvista ma jista' jkollha għan utli mingħajr l-oħra – għall-kuntrarju ta', pereżempju, is-sitwazzjoni eżaminata fi *Deutsche Bank*[27], fejn żewġ provvisti komparabbli marbuta kienu magħmula mill-istess persuna taxxabbli.

50. Raġunament simili jwassalni għall-opinjoni li l-provvista tal-mediċini ma tistax titqies bħala "anċillari għa[s-]servizz prinċipali [għax ma] [t]ikkostitwixxi[x] għan fih[a] innif[isha], iżda [hija] mezz li bih wieħed jibbenefika aħjar mis-servizz prinċipali tal-fornitur". Meta tabib jipprovdi s-servizzi ta' dijanjosi, preskrizzjoni u superviżjoni deskritti fir-risposta għad-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikun artifiċjali li jingħad li l-mediċini amministrati ġew ipprovduti – minn persuna differenti – bħala "mezz li bih wieħed jibbenefika aħjar mis-servizz prinċipali tal-fornitur". Il-provvista tal-mediċini hija, loġikament, relatata mill-viċin mas-servizzi tat-tabib iżda żgur li hija separata minnhom u ma hijiex mezz li wieħed jibbenefika aħjar minnhom (jew li wieħed jibbenefika minnhom f'kundizzjonijiet aħjar, b'mod iktar litterali tal-formulazzjoni użata mill-Qorti tal-Ġustizzja bil-Franċiż, il-lingwa tad-deliberazzjoni tagħha). Wieħed jista' tabilħaqq anki jqis il-provvista tal-mediċini bħala l-aspett prinċipali li jippreokkupa lill-pazjent, u d-dijanjosi, preskrizzjoni u superviżjoni tal-amministrazzjoni bħala mezz li permezz tiegħu jibbenefika minn dik il-provvista taħt l-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

51. Jibqa' li jiġi kkunsidrat jekk il-prinċipju ta' newtralità fiskali jwassalx għal konklużjoni differenti.

52. Jiena naqbel mal-Kummissjoni li dan ma huwiex il-każ.

53. Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni ċara dan il-prinċipju ma jippermettix li l-kamp ta' applikazzjoni ta' eżenzjoni jiġi estiż. Din ma hijiex regola tad-dritt primarju iżda prinċipju ta' interpretazzjoni, li għandu jiġi applikat b'mod parallel mal-prinċipju li jgħid li l-eżenzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett[28].

54. F'dak ir-rigward, il-kliem tal-Artikolu 13A(1)(b) u (ċ) tas-Sitt Direttiva jagħmel distinzjoni ċara bejn kura pprovduta minn entitatjiet irregolati mid-dritt pubbliku jew stabbilimenti debitament rikonoxxuti li joperaw taħt kundizzjonijiet soċjali komparabbli u dik ipprovduta – minn persuni oħra u taħt kundizzjonijiet soċjali oħra – fl-eżerċizzju ta' professjonijiet mediċi u paramediċi.

55. Ladarba differenza fit-trattament hija stabbilita b'mod ċar fis-Sitt Direttiva, din ma tistax tinbidel minn prinċipju ta' interpretazzjoni li ma għandu ebda prevalenza fuq test leġiżlattiv.

27 — Sentenza tad-19 ta' Lulju 2012 (C-44/11, punti 20 sa 29); ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi f'dik il-kawża, punti 26 sa 32.

28 — Ara s-sentenza Deutsche Bank, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 45.

56. Jista' madankollu jibqa' possibbli li Stat Membru jikkontrobatti periklu ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni billi juża l-għażla li jistabbilixxi kundizzjonijiet "għal skopijiet [...] tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe [...] abbuż possibbli" taħt l-Artikolu 13A(1) tas-Sitt Direttiva jew jirrifjuta, skont l-Artikolu 13A(2)(b), milli jagħti eżenzjoni lill-provvisti, li jistgħu jkunu eżentati taħt l-Artikolu 13A(1)(b) jekk l-iskop bażiku tagħhom kien "li [jiksbu] dħul addizzjonali [...] billi [jwettqu] transazzjonijet li huma b'kompetizzjoni diretta ma' dawk l-impriżi responsabbli għat-taxxa fuq il-valur miżjud". Madankollu, kwalunkwe tali miżura tinvolvi l-limitazzjoni tal-eżenzjoni għal tranżazzjonijiet relatati mill-viċin ma' servizz ta' kura b'soġġorn fi sptar u kura medika fis-sens tal-Artikolu 13A(1)(b), u mhux testendiha għal dawk relatati mill-viċin mal-provvista tal-kura medika fl-eżerċizzju tal-professjonijiet mediċi u paramediċi fis-sens tal-Artikolu 13A(1)(ċ). Fi kliem ieħor, din tkun tinvolvi l-impożizzjoni tat-taxxa fejn preżentement ma hijiex imposta, iktar milli estensjoni tal-iskop ta' x'inhu eżenti mill-VAT.

57. Nirrikonoxxi illi l-opinjoni li wasalt għaliha – li l-provvista ta' mediċini tista' tkun suġġetta għal, jew eżentata mill-VAT skont il-kuntest li fih hija tiġi amministrata – tista' tidher kontraditторja. Madankollu, li jingħad li l-Artikolu 13A(1)(ċ) huwa intiż, bħall-Artikolu 13A(1)(b), sabiex jinkludi attivitajiet relatati mill-viċin mal-kura deskritta jkun ifisser li jiżdiedu mal-ewwel dispożizzjoni msemmija kliem li fil-fatt ma huwiex hemm. Ċertament bħala konsegwenza jista' jkun li hemm lakuna fil-leġiżlazzjoni. Jekk inhu hekk, dik hija kompetenza tal-leġiżlatur. Ma jidhirlix, madankollu, li huwa xieraq li r-raġunament tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Il-Kummissjoni vs Franza[29] jiġi estiż għall-każijiet kollha li fihom l-ispejjeż jistgħu jiżdiedu billi jkunu suġġetti għall-VAT, fl-assenza ta' intenzjoni leġiżlattiva ċara f'dak is-sens.

## Konklużjoni

58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domandi magħmula mill-Bundesfinanzhof f'dan is-sens:

1. Il-frażi "attivitajiet relatati mill-viċin" fl-Artikolu 13A(1)(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima — tinkludi kemm provvisti ta' oġġetti kif ukoll provvisti ta' servizzi.

2. Sabiex tikkwalifika għall-eżenzjoni bħala attività relatata mill-viċin ma' kura b'soġġorn fi sptar jew kura medika skont l-Artikolu 13A(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE, ma huwiex essenzjali li l-provvista ssir mill-persuna li tipprovdi l-kura inkwistjoni.

3. Provvisti ta' oġġetti jew servizzi li huma

   (i) relatata mill-viċin mal-provvista ta' kura medika fl-eżerċizzju tal-professjonijiet mediċi u paramediċi fis-sens tal-Artikolu 13A(1)(ċ) tad-Direttiva 77/388/KEE,

   (ii) fiżikament u ekonomikament disassoċjati mill-provvista ta' dik il-kura medika u

   (iii) mhux relatati mill-viċin ma' kura b'soġġorn fi sptar jew kura medika fis-sens tal-Artikolu 13A(1)(b) tal-istess direttiva

   ma jikkwalifikawx għal eżenzjoni taħt waħda minn dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet.

29 — Iċċitata fil-punt 27, nota ta' qiegħ il-paġna 18, iktar 'il fuq.